**18 ta' April, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Paul Mamo

*versus*

Anthony Saliba

**Digriet – Possibbilità *o meno* ta' Ritrattazzjoni**

*Ir-ritrattazzjoni hija kkontemplata mil-liġi b'riferenza għal sentenzi u mhux għal digrieti. Infatti l-art. 820 tal-Kap. 12 jipprovdi li meta t-talba għar-ritrattazzjoni tiġi milqugħa bit-tħassir tas-sentenza attakkata l-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid fil-mertu.*

Il-Qorti: –

Rat il-petizzjoni ta' Paul Mamo li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-digriet ta' deżerzjoni tat-28 ta' Ottubru, 1991, u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża, ċjoè, appell fl-ismijiet premessi u dan *ai termini* ta' l-artikolu 811, paragrafi (e) u (l) tal-Kap. 12 u sabiex, sussegwentement fl-istadji tat-trattazzjoni ta' l-appell innifsu tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' April, 1989, fil-mertu u tikkundanna lill-konvenut appellat iħallas is-somma ta' ħames mija u erbatax-il lira Maltija (Lm514), bl-interessi legali kif mitluba fiċ-ċitazzjoni u tirriforma l-istess sentenza fil-Kap ta' l-ispejjeż billi

tikkundanna lill-istess konvenut appellat iħallas l-ispejjeż kollha, bl-ispejjeż ta' l-appell u tar-ritrattazzjoni;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat it-talba għar-ritrattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din it-talba għar-ritrattazzjoni hija inattendibbli u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Ir-ritrattazzjoni hija rregolata bl-artikoli 811 sa 825 tal-Kap. 12;

(b) L-artikolu 811 tal-Kap. 12 jipprovdi li dak li jista' jiġi ttrattat huwa "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell";

(ċ) Minn dak li jipprovdu l-artikoli 813, 816 u oħrajn partikolarment l-art. 820 tal-Kap. 12 jemerġi ċar li r-ritrattazzjoni hija kkontemplata mil-liġi b'riferenza għal sentenzi u mhux għal digrieti. Infatti l-artikolu 820 tal-Kap. 12 jipprovdi li meta t-talba għar-ritrattazzjoni tiġi milqugħa bit-tħassir tas-**sentenza** attakkata l-kawża tiġi mismugħa **mill-ġdid fil-mertu**;

F'dan il-każ partikolari dak li qed jiġi attakkat mir-ritrattant huwa d-digriet ta' deżerzjoni u infatti ma hemm xejn aktar x'seta' jattakka għax l-appell proprju qatt ma ġiet deċiż minn din i' Qorti proprju minħabba li l-appell mar deżert. Kif ingħac, għalhekk, f'każ bħal dan preżenti, il-liġi ma tikkontempla: ritrattazzjoni.

It-talba tar-ritrattant għalhekk qed tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.